III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL- BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-2 ta' Diċembru 2022

dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq biex jipproteġi liċ-ċittadini u lill-ekonomija minn prezzijiet eċċessivament għoljin

(CON/2022/44)

(2023/C 41/03)

Introduzzjoni u bażi legali

Fil-25 ta' Novembru 2022, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq biex jipproteġi liċ-ċittadini u l-ekonomija kontra prezzijiet eċċessivament għoljin ([1]) (minn hawn 'il quddiem "ir-regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea peress li r-regolament propost fih dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-BĊE, u l-kontribut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għat-tmexxija bla xkiel tal-politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti relatati mal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 127(5) tat-Trattat u l-Artikolu 3.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"). Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

Osservazzjonijiet Ġenerali

Il-BĊE jieħu nota tar-regolament propost u l-objettiv tiegħu li jistabbilixxi mekkaniżmu temporanju ta' korrezzjoni tas-suq u jirrikonoxxi l-isfidi serji li joħolqu prezzijiet tal-enerġija eċċessivament għoljin għaċ-ċittadini tal-UE u għall-ekonomija tal-Unjoni.

Ir-regolament propost jistabbilixxi mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq għat-tranżazzjonijiet tal-gass naturali fis-suq tad-derivattivi tat-TTF bl-eqreb skadenza (*front-month*), li jiġi attivat fejn jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet ("avveniment ta' korrezzjoni tas-suq"). Ir-regolament propost jistabbilixxi li l-Aġenzija tal-Unjoni għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) hija responsabbli għall-monitoraġġ ta' jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfatti, u, fejn tosserva li jkun seħħ avveniment ta' korrezzjoni tas-suq, għandha tippubblika mingħajr dewmien avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ("avviż ta' korrezzjoni tas-suq") u tinforma lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u lill-BĊE dwar l-avveniment ta' korrezzjoni tas-suq. Ir-regolament propost jipprevedi wkoll għas-sospensjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq fi kwalunkwe ħin mill-Kummissjoni, jekk iseħħu disturbi mhux intenzjonati fis-suq jew riskji evidenti ta' tali disturbi, li jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà tal-provvista, il-flussi intra-UE jew l-istabbiltà finanzjarja ("deċiżjoni ta' sospensjoni").

Il-BĊE jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi mmirati lejn il-moderazzjoni tal-livelli estremi tal-prezzijiet u l-volatilità fis-swieq tal-gass bl-ingrossa jistgħu, fil-prinċipju, itaffu għadd ta' riskji għall-istabbiltà finanzjarja, inklużi r-riskji esposti matul perijodi ta' prezzijiet għoljin u volatili tal-gass fl-2022. Madankollu, il-BĊE jqis li t-tfassil attwali tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq propost jista', f'xi ċirkostanzi, jipperikola l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro. Id-disinn attwali tal-mekkaniżmu

([1]) COM(2022) 668 finali.

jista' jżid il-volatilità u s-sejħiet għall-marġni relatati, jisfida l-kapaċità tal-kontropartijiet ċentrali li jimmaniġġjaw ir-riskji finanzjarji, u jista' jinċentiva wkoll il-migrazzjoni miċ-ċentri tan-negozjar għas-suq ta' barra l-borża (OTC) mhux ikklerjat ċentralment. Dawn il-konsiderazzjonijiet, rilevanti għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, għandhom jitqiesu mill-Kunsill fid-deliberazzjonijiet tiegħu dwar ir-regolament propost.

Osservazzjonijiet speċifiċi

1. *Ir-rwol tal-BĊE*

1.1 Ir-Regolament propost jipprevedi diversi każijiet fejn il-BĊE huwa meħtieġ li, jew jista', ikollu rwol fl-għoti ta' opinjonijiet, rapporti, monitoraġġ u assistenza lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħha skont ir-regolament propost.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq, fejn, abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-ACER, ikun hemm indikazzjonijiet konkreti li avveniment ta' korrezzjoni tas-suq huwa imminenti, il-Kummissjoni, sabiex tkun tista' tissospendi malajr l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq, għandha titlob opinjoni mill-BĊE, l-ESMA u, fejn xieraq, min-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass (ENTSOG) u mill-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) dwar l-impatt ta' avveniment possibbli ta' korrezzjoni tas-suq fuq is-sigurtà tal-provvista, il-flussi intra-UE u l-istabbiltà finanzjarja ([3]).

It-tieni nett, fil-każ ta' avveniment ta' korrezzjoni tas-suq, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, titlob lill-BĊE rapport dwar ir-riskju ta' disturbi mhux intenzjonati għall-istabbiltà u l-funzjonament ordnat tas-swieq derivattivi tal-enerġija ([4]).

It-tielet nett, fir-rigward tas-sospensjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq, il-proposta tirrikjedi li l-ESMA, il-BĊE, l-ACER, il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Gass u l-ENTSOG jimmonitorjaw b'mod kostanti l-effetti tal-limitu tal-offerti fuq is-swieq u s-sigurtà tal-provvista ([5]).

Ir-raba' nett, meta tkun qed tikkunsidra jekk tadottax deċiżjoni ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni jekk l-attivazzjoni kontinwa tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq taffettwax l-istabbiltà u l-funzjonament ordnat tas-swieq derivattivi tal-enerġija, *inter alia*, abbażi ta' rapport dwar l-impatt tal-attivazzjoni tal-miżura ta' korrezzjoni tas-suq mill-ESMA u opinjoni tal-BĊE mitluba mill-Kummissjoni għal dan l-għan. L-opinjoni tal-BĊE għandha tinħareġ mhux aktar tard minn 48 siegħa, jew fl-istess jum f'każijiet urġenti, fuq talba mill-Kummissjoni ([6]).

Il-ħames nett, l-ACER, il-BĊE, l-ESMA, il-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass u l-ENTSOG huma meħtieġa jassistu lill-Kummissjoni fil-kompiti tagħha stabbiliti mir-regolament propost ([7]).

Fl-aħħar nett, qabel ma tippreżenta proposta lill-Kunsill għal rieżami tal-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-BĊE ([8]).

1.2 Il-BĊE jfakkar li, skont l-Artikolu 127(5) TFUE u l-Artikolu 3.3 tal-Istatut tas-SEBĊ, is-SEBĊ hija meħtieġa tikkontribwixxi għat-tmexxija bla xkiel tal-politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 25.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊE jista' joffri pariri lil u jiġi kkonsultat mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar l-iskop u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-sorveljanza

([2]) Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1).
([3]) L-Artikolu 3(3) tar-regolament propost.
([4]) L-Artikolu 3(8) tar-regolament propost.
([5]) L-Artikolu 5(1) tar-regolament propost.
([6]) L-Artikolu 5(2)(d) u l-Artikolu 5(4) tar-regolament propost.
([7]) L-Artikolu 5(4) tar-regolament propost.
([8]) L-Artikolu 5(6) tar-regolament propost.

prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. F'dak il-kuntest, u f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali reċiproka skont l-Artikolu 13(2) TUE, il-BĊE jinsab lest, fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilu fit-Trattati, li jappoġġa lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-kompiti tagħha stabbiliti mir-regolament propost. Il-BĊE huwa konxju wkoll mill-importanza u d-diffikultà tas-suġġett tar-regolament propost u l-effetti potenzjali fuq is-swieq finanzjarji.

1.3 Madankollu, il-BĊE jqis li r-referenzi għar-rwol tal-BĊE fl-għoti ta' opinjonijiet, rapporti, monitoraġġ u assistenza lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħha skont ir-regolament propost għandhom jiġu ċċarati aktar biex jirriflettu b'mod preċiż il-kompiti u l-indipendenza tal-BĊE skont it-Trattati u l-allokazzjoni ċara tal-għarfien espert tekniku u r-responsabbiltajiet skont id-dritt tal-Unjoni ([9]). *L-ewwel nett*, tali kjarifika hija meħtieġa biex jiġi żgurat li r-regolament propost, li għandu jiġi adottat bl-Artikolu 122(1) TFUE bħala l-bażi legali tiegħu, ma jagħtix kompiti ġodda lill-BĊE. L-għoti ta' kompiti jew responsabbiltajiet ġodda lill-BĊE jista' jseħħ biss f'dawk il-każijiet speċifiċi u limitati enumerati skont it-Trattati, pereżempju skont l-Artikolu 127(6) TFUE, u soġġett għal-limiti stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet ([10]). *It-tieni nett*, tali kjarifika hija meħtieġa biex tirrifletti r-rwoli preskritti għal awtoritajiet u korpi oħra skont id-dritt tal-Unjoni, li jistgħu jkunu aktar rilevanti għas-suġġett tar-regolament propost. Pereżempju, l-ESMA hija responsabbli, *inter alia*, biex tikkontribwixxi għall-integrità, it-trasparenza, l-effiċjenza u l-funzjonament ordnat tas-swieq finanzjarji ([11]). *It-tielet nett*, il-kjarifika tar-rwol tal-BĊE skont ir-regolament propost tevita involviment formalistiku żżejjed tal-BĊE u tiffaċilita aħjar il-kooperazzjoni effettiva f'perijodi ta' żmien stretti. *Fl-aħħar nett*, tali kjarifika hija aktar konformi mal-kompitu mogħti lis-SEBĊ skont l-Artikolu 127(5) TFUE u l-Artikolu 3.3 tal-Istatut tas-SEBĊ biex tikkontribwixxi għat-tmexxija bla xkiel tal-politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti relatati mal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li r-regolament propost jiġi emendat, il-proposti ta' abbozzar speċifiċi huma stabbiliti f'dokument ta' ħidma tekniku separat, flimkien ma' test ta' spjegazzjoni f'dan is-sens. Id-dokument ta' ħidma tekniku huwa disponibbli bl-Ingliż fuq EUR-Lex.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Diċembru 2022.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

([9]) Ara l-paragrafu 1 tal-Opinjoni CON/2018/20 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' April 2018 dwar proposta għal regolament dwar l-istabbiliment tal-Fond Monetarju Ewropew (ĠU C 220, 25.6.2018, p. 2). L-opinjonijiet kollha tal-BĊE huma disponibbli fuq l-EUR-Lex.

([10]) Ara l-paragrafu 3.1 tal-Opinjoni CON/2016/11 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Marzu dwar (a) proposta għal regolament li jistabbilixxi regoli komuni dwar it-titolizzazzjoni u li joħloq qafas Ewropew għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata u (b) proposta għal regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (ĠU C 219, 17.6.2016, p. 2); ara l-osservazzjonijiet ġenerali tal-Opinjoni CON/2017/39 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi (ĠU C 385, 15.11.2017, p. 3); ara l-paragrafu 2 tal-Opinjoni CON/2020/22 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Settembru 2020 dwar proposti għal regolamenti li jemendaw il-qafas għat-titolizzazzjoni tal-Unjoni b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU C 377, 9.11.2020, p. 1); u r-Rakkomandazzjoni BĊE/2017/18 għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU C 212, 1.7.2017, p. 14).

([11]) Ara l-Artikolu 1(5)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).